

32003R1214

L 169/30

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

8.7.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) numru 1214/2003
tas-7 ta' Lulju 2003**

**li jemenda ir-Regolament (KE) Numru 2368/2002 li jimplementa skema ta' ċertifikazzjoni skond
il-Kimberley Proċess għall-kummerċ internazzjonali tad-djamanti ħorox**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2368/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 li jimplementa skema ta' ċertifikazzjoni skond il-Kimberley Proċess għall-kummerċ internazzjonali tad-djamanti ħorox ⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 803/2003 ⁽²⁾, partikolarment l-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni mill-London Diamond Bourse and Club biex tiġi miżjuda fil-lista fl-Anness V tar-Regolament (KE) Numru 2368/2002 (hawnhekk iżjed 'il quddiem "ir-Regolament").
- (2) Il-London Diamond Bourse and Club pprova informazzjoni lill-Kummissjoni bħala prova li aderixxa mal-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament, partikolarment billi jaddotta kodiċi ta' mġieba li jorbot il-membri kollha tiegħu.

- (3) Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni provduta, il-Kummissjoni kkonkludiet illi ż-żieda tal-London Diamond Bourse and Club fl-Anness V tar-Regolament huwa xieraq.

- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Numru 2368/2002,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-test li jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament huwa miżjud ma' l-Anness V ta' dan ir-Regolament (KE) Numru 2368/2002.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Lulju 2003.

Għall-Kummissjoni

Christopher PATTEN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 358, tal-31.12.2002, p. 28.

⁽²⁾ ĠU L 115, tad-9.5.2003, p. 53.

ANNEX

It-test li ġej huwa miżjud ma' l-Anness V tar-Regolament (KE) Numru 2368/2002:

The London Diamond Bourse and Club
100 Hatton Garden
London EC1N 8NX
United Kingdom
